MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1035/2003

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 t'Ottubru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Jannar tas-sena 1976 skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok "A".

Illi b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Cit. Nru. 211/91), tat-12 ta' Dicembru 1991, il-Qorti ordnat is-

separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htijiet imputabbli esklussivament ghall-konvenut.

Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghadha legalment tezisti bejn il-kontendenti u jehtieg illi tigi xolta u likwidata.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

2. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti kollha parafernali taghha u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

4. Tawtorizza lill-attrici li tghix esklussivament fid-dar 32, Triq San Mark, Bormla.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process;

Rat is-sentenza fl-ismijiet **"A vs B"** (P.A. (F.D.) 12 ta' Dicembru 1991).

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fil-21 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 19 t'April 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha u ta' bintha Maruska Abela kollox a fol. 17 sa fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2004 fejn dehret biss l-attrici u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-11 ta' Mejju 2004 fejn permezz tieghu filwaqt li nfurmat lill-Qorti li hi ilha li ghalqet il-provi taghha, talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza salv li l-konvenut jigi prefiss b'terminu sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet *stante* l-kontumacja tieghu.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 13 ta' Mejju 2004 fejn cahdet it-talba.

Rat il-verbal tal-14 t'Ottubru 2004 fejn peress li l-Qorti kienet indisposta l-kawza giet differita ghall-istess skop ghall-15 ta' Frar 2005.

Rat il-verbal tal-15 ta' Frar 2005 fejn deher biss Dr. Ludvic Caruana ghall-attrici li ddikjara li m'ghandux provi izjed. Il-konvenut imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Marzu 2005.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fl-4 ta' Marzu 2004, (kif jidher a tergo ta' fol.14 u f'fol.15 tal-process) il-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u lanqas qatt deher ghall-kawza u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess partijiet ilhom separati legalment mit-12 ta' Dicembru 1991 wara

sentenza tal-Qorti ta' l-istess data fil-kawza fl-ismijiet **"A vs B"** (P.A. (F.D.) 12 ta' Dicembru 1991 – Cit. Numru 211/91/FD), u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mill-istess data.

Illi konsegwentement l-oggetti attwalment fil-pussess ta' l-attrici ghandhom jibqghu taghha, u dan ghaliex hija xtrathom meta kienet tghix separatament minn zewgha u dan bil-flus li kienet tircievi mir-*relief*. Ghalhekk l-oggetti kollha minnha elenkati, konsistenti fil-kamra tas-sodda principali, kamra tas-sodda tat-tfal, kcina, kamra tal-pranzu, zewg fannijiet u heater tal-gas, qed jigu assenjati lill-attrici, kemm bhala s-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti u wkoll bhala beni parafernali taghha. Il-konvenut qed jigi assenjat kull haga li ghad ghandu fil-pussess attwali tieghu llum, inkluz kull dejn li huwa ghamel ma' terzi.

Illi fl-ahharnett il-kera tal-fond 32, Triq San Mark, Bormla, qed tigi assenjata wkoll lill-attrici, u dan peress li fil-fatt ilha hekk mikrija ghal dawn l-ahhar erbgha u ghoxrin/ hamsa u ghoxrin sena, u l-konvenut qatt ma kien jabita fl-istess dar. Ghalhekk ghal kull effett u bwon fini tal-ligi qed jigi dikjarat li l-konvenut la qatt kellu u lanqas m'ghandu xi dritt kwalunkwe fuq l-istess dar. B'dab il-mod qed tigi milqugha wkoll ir-raba' talba attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tichad it-tielet talba minhabba nuqqas ta' provi u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' sentenza bejn l-istess partijiet tat-12 ta' Dicembru 1991.

2. Tillikwida u taqsam l-istess komunjoni ta' l-akkwisti bejn iz-zewg partijiet, b'dan li tordna li l-attrici tigi assenjata u ghalhekk ghandha zzomm bhala taghha dak kollu li attwalment ghandha fil-pussess taghha, inkluz il-

kirja tal-fond 32, Triq San Mark, Bormla, u l-lista ta’ mobbli elenkati minnha u li jinsabu fl-istess residenza, liema mobbli jinkludu kamra tas-sodda principali, kamra tas-sodda tat-tfal, kcina, kamra tal-pranzu, zewg fannijiet u *heater* tal-gas, u in generali l-oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar. Min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat dak kollu li attwalment jinsab fil-pussess tieghu u kull dejn li huwa nkorra ma’ terzi.

3. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi.

4. Tawtorizza lill-attrici li tghix esklussivament fid-dar 32, Triq San Mark, Bormla, liema dar hija effettivament mikrija lilha, u dan bl-eskluzjoni tal-konvenut, li ma ghandu l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess fond.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------